QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

It-Tnejn 15 t'April 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 44.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

44.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 44.2 Il-progett *EUrope is a State of Mind – Europe for Citizens Programme*.

44.2.1 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li l-konferenza internazzjonali li kienet ser isir fil-lokalita` tal-Qala fil-bidu ta' Mejju 2019 ser ikollha tigi pospostha ghal data ohra minhabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li din l-attivita` ghandha tigi posposta u jsir darb' ohra.

44.2.2 Is-Sindku semma li s-Sur Robert Tabone mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jhallas lill-Agenzija Taljana tal-preparamenti tal-applikazzjoni tal-progett *EUrope is a State of Mind* filwaqt li imbaghad ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal *management* ta' dan il-progett. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan kif kien diga` qabel fl-ahhar laqgha.

## 44.3 Attivita` f'Hondoq ir-Rummien organizzatha mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma.

44.3.1 Is-Sindku semma li ser isir attivita` f'Hondoq ir-Rummien organizzatha mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u li dawn qed jitolbu l-permess ta' Kunsill. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Korporazzjoni dahket bil-Kunsill peress li dawn kellhom kundizzjoni sabiex huwa flimkien mas-Sindku; li huma membri fil-*management board*, jiltaqghu maghhom izda dawn qatt ma nformaw lill-Kunsill dwar ebda laqgha. Huwa semma li gara dak l-incident fl-ilma bahar fejn harag xi materjal fil-bajja darbtejn u li l-Korporazzjoni messhom harga stqarrija dwar dan. Huwa qal li fl-opinjoni tieghu ghandhom jaghtu naqra kaz tal-Kunsill, il-Kunsill waqa` n-*no objection* kif riedu huma peress li minhabba f'hekk il-progett ma kienx ser jghaddi mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-*management board* jew iltaqa qabel, jew ma iltaqa` xejn jew inkelli iltaqghu minghajr ma l-Kunsill kien involut u gie njorat. Kienet giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Korporazzjoni fejn il-Kunsill staqsa dan il-bord iltaqghax jew le. Izda l-Kunsill ma ircieva ebda risposta. Il-Kunsillier Paul Buttigieg qal li huwa mhuwiex hiereg ghall-elezzjoni izda li huwa qed jitkellem ghall-interess tal-Kunsill u sabiex ingibu l-interessi tar-rahal u tan-nies 'l quddiem u ghalhekk ihoss li l-Kunsill m'ghandux jaghtihom permess ghall-attivita`. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li l-Korporazzjoni ser inhalluha hekk, taghmel li trid, jekk il-Kunsill jaghtihom permess, il-Kunsill inkun isu accetta kollox li sar, kif ghamlet il-Korporazzjoni. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li sakemm il-Korporazzjoni ma johorgux stqarrija dwar il-kaz li gara sabiex isserrhu ras in-nies u taghna m'ghandniex naghtuhom permess. Jekk huma jaghtuna bil-miktub li dak li hareg fil-bajja mhux ser jaghmel ebda hsara, imbaghad ghandna naghtuhom permess. Huwa ssuggerixxa li ghandha tintbghat *email* lill-Korporazzjoni sabiex jigu kkjarifikati z-zewg materji; l-istqarrija u l-*management bord*, u jekk il-Kunsill jircievi risposta ghandu jinhareg il-permess. Huwa semma li qed jissuggerixxi hekk sabiex jiehdu ftit hsieb mhux isna ahna l-Kunsill injorati. Is-Sindku semma li ghandu jsir vot; tlett membri vvotaw li l-Korporazzjoni ghandha tinghata permess xorta wahda u zewg membri vvotaw li l-Korporazzjoni m'ghandiex tinghata permess. Il-Kunsillier Paul Buttigieg

semma li mela f'dan il-kaz ma tintbghat xejn *email* ghax xorta issa l-Korporazzjoni mhux ser taghti kaz lill-Kunsill.

## 44.4 Tmien tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

44.4.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 24 ta' Mejju 2019.

Ikkonfermati, illum l-Erbgha 19 ta' Gunju 2019.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |